MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Numru 542/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**
**(Spettur Raymond D'Anastasi)**

**vs**

**JOSEPH GRECH**
**DARYL MARK BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Grech, ta' 27 sena, bin Alfred u Lucia nee' Borg, imwieled Pieta fl-14 ta' Frar, 1978, residenti fl-indirizz: "Redeemer", Triq l-Mdina, Attard, ID 111778M

U

Daryl Mark Borg, 19 sena, iben Anthony u Sylvia nee' Friggieri, imwieled Pieta fl-4 ta' Gunju 1986, residenti fl-indirizz: 68 "Silver Dawn", Triq Anton Buttigieg, Iklin. ID 250086M

Gew akkuzati talli:

1. Fil-granet ta' bejn il-15 ta' Gunju 2005 u id-19 ta' Gunju 2005, gewwa Haz-Zebbug u fi bnadi ohrajn f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

2. Iffalsifikaw biljetti tal-flus, jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati u cioe biljetti tal-flus Maltin, liema biljetti tal-flus kienu jafu li huma falsifikati.

3. Minghajr awtorita legali, jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtraw, jew ircevew minghand xi persuna, jew kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom, biljetti tal-flus falsifikati li kienu jafu li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati.

4. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' anqas minn Lm100 bi hsara ta' haddiehor.

5. Bi hsara ta' haddiehor, ghamlu xi qligh b'qerq.

6. Ikkommettew serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok.

Joseph Grech wahdu gie akkuzat talli:

7. Ghamel uzu minn vettura numru BAV295 tal-marka Ford Escort liema vettura ma kenitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni.

8. Ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni EAN084 fuq il-vettura bin-numru BAV295 u cioe, numru tar-registrazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari.

9. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumnt iehor falsifikat, u cioe numru ta' registrazzjoni tal-vettura EAN084 fuq vettura ohra.

10. Ghamel uzu minn vettura BAV295 meta din ma kenitx licenzjata biex tintuza fit-triq, (licenzja mhux imgedda).

11. Bhala persuna li ftiehem jew accetta li jixtri jew b'xi mod iehor iddispona mill vettura BAV295, naqas li jghati avviz bil miktub fi zmien sebgha tijiem lil Kummissarju tal-Pulizija, jew lill Awtorita dwar it-trasport ta' Malta, dwar il-bidla tas-sid jew it-twellija tal-vettura imsemmija

12. Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, tirrevoka jew tissospendi il-licenza ta' Joseph Grech.

13. Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

14. Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 18 ta' Novembru, 2005 u innutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi ghall-Prosekuzzjoni, b’referenza ghall-vann Ford Escort abjad BAV295 (EAN084) esebit formalment fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok JRP13, iddikjara li l-imsemmi vann mhux soggett ghall-konfiska stante li jappartjeni lill-terza persuna li mhix involuta f’dan il-kaz.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-istess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi ghall-Prosekuzzjoni, b’referenza ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 18 ta’ Novembru, 2005, iddikjara li f’din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront ta’ l-imputat Daryl Mark Borg l-artikoli 45, 46, 47, 49 u 49A tal-Kap. 204 u l-artikoli 17, 18, 308, 309, 310, 31, 20 u 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront ta’ l-imputat Joseph Grech l-artikoli 45, 46, 47, 49 u 49A tal-Kap. 204 u l-artikoli 17, 18, 308, 309, 310, 188, 31, 20 u 23 tal-Kap. 9 u l-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Joseph Grech u Daryl Mark Borg, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati Joseph Grech u Daryl Mark Borg ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija kull wiehed u nkwantu ghall-imputat Joseph Grech wahdu tikkundannah ukoll ghall-piena ta' mija u sbatax il-Ewro (Ewro 117) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputati Joseph Grech u Daryl Mark Borg jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat Joseph Grech jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni ta' Dok. JRP1, Dok. JRP2, Dok. JRP3, Dok. JRP4 u Dok. JRP5.

Fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum b'referenza ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 18 ta' Novembru, 2005 kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Joseph Grech u Daryl Mark Borg l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A (4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------